MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 413/2004

**John (201837M) u Alfrida (354442M) konjugi Bowerman**

**vs**

**Quality Group (Malta) Ltd (C27968)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-2 t'Awissu 2004 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Quality Group (Malta) Ltd thallas lill-atturi bhala danni kagunati, f'proprjeta' fir-residenza taghhom b'konsegwenza ta' xogholijiet imwettqa minnha, fil-15 ta' Settembru 2003, fil-fond 30, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, adjacenti ghal taghhom, ghal liema hsarat huma assumew ir-responsabbilta', u liema danni ghandhom jigu likwidati minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att, kontra s-socjeta' konvenuta li hi u l-ufficjali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni. Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad-danni ma jeccedix it-tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Quality Group (Malta) Limited (C27968) fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti tissottometti illi hija offriet somma lill-atturi, rapprezentanti danni kkagunati mill-eccipjenti b'konsegwenza ta' xogholijiet imwettqa fil-fond adjacenti ghal dak ta' l-atturi, liema somma giet ingustament rrifjutata mill-atturi.

2. Illi minghajr pregudizzju, l-valur tad-danni mertu tal-kawza odjerna huwa wiehed minimu, u l-ammont ta' Lm3,000 (tlett elef lira Maltin) ikkwotat mill-atturi fl-avviz promotur, huwa wiehed eccessiv, esagerat u inveritier.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 32 Patri Marjanu Vella Street Sliema. Magemb dan il-fond u fuqu hemm il-fond l-iehor numru 30 proprjeta' ta' Andrew Busuttil. Dan ta' l-ahhar ried jaghmel tibdiliet strutturali fil-fond tieghu. Parti minn dawn it-tibdiliet kien jinvolvi t-tnehhija ta' saqaf tal-kamra sovrastanti l-kcina ta' l-atturi. Dana tnehha, tnehhiet ukoll provizorjament il-katusa illi jilqa' r-*"run off"* ta' l-ilma ghal gol-bitha ta' l-atturi. Fil-15 ta' Settembru 2003 ghamlet hafna xita li minhabba n-nuqqas ta' protezzjoni li kellha s-saqaf tal-kcina ta' l-atturi, dahlet kwantita' kbira ta' ilma bil-konsegwenza li giet irvinata ghal

kollox l-ghamara tal-kcina, vetrina, kif ukoll is-sistema ta' l-elettriku illi bdiet tixxortja.

Alan Bugeja direttur tas-socjeta' konvenuta mill-ewwel accetta li jaghmel tajjeb ghal hsara subita, pero' dejjem irrifjuta li jhallas iktar minn suppost. B'ittra mibghuta lill-avukat ta' l-atturi bid-data ta' l-20 ta' Jannar 2004 qal fost affarijiet ohra *".....gharraftu li jiena lest li nhallas biss l-ispejjez illi kkagunajt...."*

Ghalhekk f'din il-kawza l-Qorti mhix sejra tidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilta' illi hija ammessa minn naha tas-socjeta' konvenuta, izda biss fil-quantum u tara dak li huwa gust li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas ghal hsara kkagunata u mhux aktar.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-break down tal-kont tal-perit ta' l-atturi kif jidher a fol 34 tal-process. Il-partita li tqum l-aktar flus hija l-ghamara tal-kcina li ghaliha l-perit ghamel stima ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500). L-atturi pero' rnexxielhom isibu kcina a sodisfazzjon taghhom bl-ammont ta' disa' mitt lira (Lm900). Il-Qorti pero' jidhrilha li ma tistax taccetta din ic-cifra. Huwa principju assodat fil-kwistjoni tad-danni illi hadd m'ghandu jkun responsabbli ghal aktar minn dak illi huwa kkawza. Il-kcina originali li kellhom l-atturi ma kienetx xi kcina illi tiswa xi flus. Tant hu hekk li Aron Galea illi ra din il-kcina ddeskriva bhala wahda tal-formajka, antika ta' mill-inqas hmistax-il sena u ma tiswiex aktar minn tlett mitt lira.

Ghalhekk f'dak l-istadju meta l-atturi sofrew il-hsarat il-kcina ma kienetx tiswa aktar minn din ic-cifra. Hija din ic-cifra u dan l-ammont ta' danni illi l-atturi effettivament sofrew. Jekk dawna dehrilhom illi kellhom jaghmlu kcina li tiswa aktar, allura f'dak il-kaz ghandhom jissaportu d-differenza u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas

iktar milli dak l-ammont ta' danni illi effettivament ikkawzat.

L-istess il-vetrina fejn l-atturi qalu li xtraw wahda gdida fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira (Lm120). Skond l-istess attur il-vetrina li kien hemm qabel kienet tac-chipboard, fejn allura zgur li ma kellhiex tiswa aktar minn tmenin lira.

Mill-bqija ta' l-istimi mwettqa mill-perit il-Qorti jidhrilha illi peress illi dawna huma affarijiet teknici, l-Qorti sejra tehodhom kif inhuma, ghalhekk ser taghmel elenku tad-danni subiti mill-atturi b'dan il-mod:

Replacement of kitchen furniture: Lm300
Replacement of vetrina (chipboard): Lm 80
Re-installation of electrical system: Lm200
Replacement of false ceiling: Lm200
Treatment of structural member (steel beam): Lm100
Re-decoration of room: Lm200
Total Lm1080.

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi illi huwa dan l-ammont illi s-socjeta' konvenuta ghandha gustament thallas lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallashom is-somma ta' elf u tmenin lira (Lm1080) danni kkagunati fir-residenza ta' l-atturi b'konsegwenza tax-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' konvenuta fil-15 ta' Settembru 2003 fil-fond 30, Triq Patri Marjanu Vella, ta' Sliema adjacenti ghal ta' l-atturi ghal liema hsarat is-socjeta' konvenuta assumiet ir-responsabbilta'.

Ghal dawk illi huma spejjez peress illi l-atturi ppretendu minghand is-socjeta' konvenuta ammont li huwa d-doppju

minn dak li gie likwidat, tiddeciedi illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati bin-nofs ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------